**A.L. 269 tal-2010**

## ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINJARJI (KAP. 437)

### Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 tal-Att dwar is- Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra- Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali u għandhom jiftiehmu u jinqraw ħaġa waħda mar-Regoli tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 505 tal-2004.

Jemenda r-regola 6 tar-regoli prinċipali.

**2.** Minflok paragrafu (a) tas-subregola (2) tar-regola 6 tar-regoli prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(a) "jiġu minn merħla uffiċjalment libera mit-tuberkulosi, u fil-każ ta' annimali li jkollhom aktar minn sitt ġimgħat, ikunu irreaġixxew b'mod negattiv għal test tat-tuberkulin intradermali li jkun sar skond id-disposizzjonijiet tal-punt 2.2 ta' Skeda B li tinsab ma' dawn ir-regoli jew matul it-30 jum qabel ma jħallu l-merħla tal-oriġini jew fil-post u taħt il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu mfissra skond il-proċedura msemmija fir-regola 17 ta' dawn ir-regoli:".

Iżid ir-regola 6A ġdida mar-regoli prinċipali.

**3.** Minnufih wara r-regola 6 tar-regoli prinċipali għandha tiżdied din ir-regola ġdida li ġejja:

"Istituti jew laboratorji nazzjonali li għandhom jinħatru mill-Awtorita`.

6A. L-Awtorita` kompetenti għandha taħtar istituti, laboratorji ta' referenza nazzjonali jew istituti uffiċjali responsabbli għall-koordinazzjoni ta' *standards* u metodi ta' dianjosi msemmija fi Skedi A sa D li jinsabu ma' dawn ir-regoli. Hija għandha żżomm listi aġġornati tagħhom u tagħmel dawk il-listi disponibbli

għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku. Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' dawk l-istituti, laboratorji ta' referenza nazzjonali u istituti uffiċjali huma stabbiliti fi Skeda B u Ċ u fil-Kapitolu II ta' Skeda D li jinsabu ma' dawn ir-regoli. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' din ir-regola jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fir-regola 17 ta' dawn ir-regoli:".

Jemenda r- regola 11 tar-regoli prinċipali.

**4.** Minflok is-subregola (3) tar-regola 11 tar-regoli prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(3) L-Awtorità kompetenti għandha toħroġ numru ta' approvazzjoni għal kull ċentru tal-ġbir approvat. L-approvazzjonijiet taċ-ċentri tal-ġbir jistgħu jkunu limitati għal xi speċi partikolari jew għal annimali għat-tnissil u l-produzzjoni jew għal annimali għall-qatla. L-Awtorità kompetenti għandha tħejji, u żżomm aġġornata, lista taċ-ċentri tal-ġbir approvati u n-numri ta' approvazzjoni tagħhom u tagħmel dik il-lista disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.".

Jemenda r-regola 13 tar-regoli prinċipali.

**5.** Minnufih wara s-subregola (4) tar-regola 13 tar-regoli prinċipali, għandha tidħol din is-subregola li ġejja:-

"(5) L-Awtorita` kompetenti għandha tħejji, u żżomm aġġornata, lista tan-negozjanti approvati u stabbilimenti reġistrati li jkunu jintużaw min-negozjanti f'dak li għandu x'jaqsam man-negozju tagħhom u n-numri ta' approvazzjoni tagħhom u tagħmel dik il-lista disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' din is-subregola jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fir-regola 17 ta' dawn ir-regoli.".

Jemenda Skeda B li tinsab mar-regoli prinċipali.

**6.** Skeda B li tinsab mar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) minflok il-punt 4.1 għandu jidħol dan li ġej:

"4.1. Dmirijiet u responsabbiltajiet

L-istituti, laboratorji ta' referenza nazzjonali jew l-istituti uffiċjali maħturin mill-Awtorita` kompetenti skond ir-regola 6A ta' dawn ir-regoli għandhom ikunu responsabbli għat-testijiet uffiċjali ta' tuberkolini jew reaġenti li għalihom qegħda ssir referenza fil-paragrafi

2 u 3 rispettivament f'Malta biex jiżguraw li kull wieħed minn dawn it-tuberkolini jew reaġenti jkunu konformi f'dak li għandu x'jaqsam ma' *standards* imsemmija fil-punt 2.1 u fil-paragrafu 3 rispettivament."; u

(b) il-punt 4.2 għandu jiġi mħassar.

**7.** Skeda Ċ li tinsab mar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:- Jemenda Skeda Ċ li tinsab mar-regoli prinċipali.

(a) fil-punt 4.1, minflok il-kliem "Laboratorji ta' Referenza Nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-" għandhom jidħlu l-kliem "Laboratorji ta' Referenza Nazzjonali maħturin mill-Awtorita` kompetenti skond ir-regola 6A għandhom ikunu responsabbli għal:"; u

(b) il-punt 4.2 għandu jiġi mħassar.

**8.** Taħt il-paragrafu A ta' Kapitlu II ta' Skeda D li tinsab mar-regoli prinċipali, minflok il-punti 2 u 3 għandu jidħol dan li ġej: Jemenda Skeda D li tinsab mar-regoli prinċipali.

"2. L-istituti, il-laboratorji ta' referenza nazzjonali jew l-istituti uffiċjali maħturin mill-Awtorita` kompetenti skond ir-regola 6A ta' dawn ir-regoli biex jikkoordinaw *standards* u metodi tad-dianjosi tat-testijiet għal lewkożi bovina enżootika, għandhom ikunu responsabbli għall-ikkalibrar ta' l-antiġenu li jaħdem skond *standard* tal-laboratorju kontra s-serum ta' *standard* uffiċjali tal-KE (*EI serum*) li jiġi provdut mill-Istitut Veterinarju Nazzjonali, fl-Università Teknika tad-Danimarka.

3. L-antiġeni *standard* li jkunu jintużaw fil-laboratorju għandhom jiġu preżentati minn tal-inqas darba fis-sena lil-laboratorji ta' referenza nazzjonali magħmula mill-Awtorita` kompetenti skond ir-regola 6A ta' dawn ir-regoli, għall-ittestjar kontra s-serum ta' *standard* uffiċjali tal-KE. Minkejja dak il-livell, l-antiġenu li jkun qiegħed jintuża jista' jiġi kalibrat skond il-metodu msemmi taħt il-paragrafu B (Metodu għal standardizzazzjoni ta' l-antiġenu).".

**L.N. 269 of 2010**

## MALTA VETERINARY SERVICES ACT (CAP. 437)

### Animal Health Problems Affecting Intra-Community Trade in Bovine Animals and Swine (Amendment) Rules, 2010

IN EXERCISE of the powers conferred by article 8 of the Veterinary Services Act, the Minister for Resources and Rural Affairs has made the following rules:-

Title.

**1.** The title of these rules is the Animal Health Problems Affecting Intra-Community Trade in Bovine Animals and Swine (Amendment) Rules, 2010 and they shall be read and construed as one with the Animal Health Problems Affecting Intra-Community Trade in Bovine Animals and Swine Rules, 2004 hereinafter referred to as "the principal rules".

L.N. 505 of 2004.

.

Amends rule 6 of the principal rules.

**2**. For paragraph (a) of sub-rule (2) of rule 6 of the principal rules there shall be substituted the following:-

"(a) come from an officially tuberculosis-free bovine herd, and in the case of animals more than six weeks old, have reacted negatively to an intradermal tuberculin test carried out in accordance with the provisions of point 2.2 of Schedule B to these rules either during the 30 days prior to leaving the herd of origin or in a place and under conditions to be defined in accordance with the procedure referred to in regulation 17 of these rules:".

Adds new rule 6A to the principal rules.

**3.** Immediately after rule 6 of the principal rules there shall be inserted the following new rule:

"Institutes or national laboratories to be designated by the Authority.

6A. The competent Authority shall designate institutes, national reference laboratories or official institutes responsible for coordinating the standards and methods of diagnosis referred to in Schedules A to D to these rules. It shall maintain updated lists thereof and make them available to other Member States and to the public. The tasks and responsibilities of such institutes, national reference laboratories and official institutes are set out in Schedules B and C and in Chapter II of Schedule D to these rules. Detailed rules for the uniform application of this rule may be adopted in accordance with the procedure referred to in rule 17 of these rules.".

**4.** For sub-rule (3) of rule 11 of the principal rules there shall be substituted the following:-

Amends rule 11 of the principal rules.

"(3) The competent Authority shall issue an approval number to each approved assembly centre. Approvals of assembly centres may be limited to a particular species or to animals for breeding and production or to animals for slaughter. The competent Authority shall draw up and keep updated a list of approved assembly centres and their approval numbers and make it available to other Member States and to the public.".

**5.** Immediately after sub-rule (4) of rule 13 of the principal rules, there shall be added the following sub-rule:-

Amends rule 13 of the principal rules.

"(5) The competent Authority shall draw up and keep updated a list of approved dealers and registered premises used by dealers in connection with their business and their approval numbers and make that list available to other Member States and to the public. Detailed rules for the uniform application of this sub-regulation may be adopted in accordance with the procedure referred to in rule 17 of these rules.".

**6.** Shedule B to the principal rules shall be amended as follows:-

Amends Schedule B to the principal rules.

(a) for point 4.1 there shall be substituted the following:

"4.1. Tasks and responsibilities

Institutes, national reference laboratories or official institutes designated by the competent Authority in accordance with rule 6A of these rules shall be responsible for the official testing of tuberculins or reagents referred to in paragraphs 2 and 3 respectively in Malta to ensure that each of these tuberculins or reagents is adequate in relation to the standards referred to in point 2.1 and paragraph 3 respectively."; and

(b) point 4.2 shall be deleted.

**7.** Schedule C to the principal rules shall be amended as follows:-

Amends Schedule C to the principle rules.

(a) in point 4.1, for the words "National reference laboratories shall be responsible for-" there shall be substituted the words "National Reference Laboratories designated by the competent Authority in accordance with rule 6A of these rules shall be responsible for:"; and

(b) point 4.2 shall be deleted.

Amends Schedule D to the principal rules.

**8.** Under paragraph A of Chapter II of Schedule D to the principal rules, for points 2 and 3 there shall be substituted the following:-

"2. National reference laboratories designated by the competent Authority in accordance with rules 6 of these rules for coordinating standards and methods of diagnosis of the tests for enzootic bovine leucosis shall be made responsible for calibrating the standard working antigen of the laboratory against the official EC standard serum (EI serum) provided by the National Veterinary Institute, Technical University of Denmark.

3. The standard antigens used in the laboratory shall be submitted at least once a year to the national reference laboratories designated by the competent Authority in accordance with rule 6A of these rules, for testing against the official EC standard serum. Apart from such standardisation, the antigen in use may be calibrated in accordance with the method described under paragraph B (Method for antigen standardization).".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.28